MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 166/2004/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Victor Magri, sija bil-polza sija bil-ligi, u l-istess Victor Magri**

**vs**

**Jonathan Borg**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta' Frar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elf tmien mija u wiehed u tmenin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (LM1,881.85), jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-

Onorabbli Qorti jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, liema somma hija dovuta s-somma ta' elf tmien mija u sitta u hamsin lira Maltija u hamsa u tmenin centesmu (LM1,856.85) favur is-socjeta attrici Citadel Insurance p.l.c. rapprezentanti danni sofferti mill-attur Victor Magri u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta attrici, in segwitu l-incident awtomobilistiku li sehh fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2002 fi Triq San Andara, Siggiewi, waqt li l-konvenut kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAL 893, u l-imsemmi Victor Magri kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAp 803, proprjeta tieghu, ghall-liema incident jaħti unikament il-konvenut minhabba traskuragni, imprizja u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, u l-bilanc favur l-attur Victor Magri rapprezentanti *policy excess* imhallsa minnu.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-erbgha w ghoxrin (24) ta' Frar 2003, kif ukoll dawk tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta tal-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali sal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa ingunt minn issa biex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Jonathan Borg fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok irid isir il-prova li Victor Magri kien sid l-vettura KAP 083 fil-mument tal-incident de quo.
2. Illi bla pregudizzju, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident stradali mertu tal-kawza odjerna gara unikament tort tal-attur Victor Magri minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Victor Magri.

3. Illi l-hsarat fuq il-vettura KAP 083 m'humiex kollha rizultat tal-incident stradali mertu tal-kawza odjerna.
4. Illi l-ammont mitlub huwa kontestat u fi kwalunkwe kaz huwa esagerat.
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

L-attur **Victor Magri** xehed nhar il-hamsa (5) ta' Novembru 2004 u spjega li huwa nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejjju 2002 kien qed isuq il-vettura tieghu u kien ghaddej minn Triq Andara Siggiewi. Kienu madwar l-erbgha ta; wara nofsinhar meta kien hiereg minn go Triq l-Andara biex jaqbad it-triq principali u ried jinzel lejn Haz-Zebbug. Huwa waqaf fit-tarf tat-triq qabel ma qabad il-*main road* u f'daqqa u l-hin giet vettura misjuqa mill-konvenut li qabdet u kisret ghal go din it-triq u laqtu waqt li kien wieqaf. Jghid li fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm vetturi pparkjati wahda wara l-ohra, waqt li fuq in-naha l-ohra kien hemm karozza qisu f'nofs il-blokka. Huwa esebixxa *sketch* li gie markat bhala Dok. VM 1. L-i*sketch* jindika ezatt kif spiccaw il-vetturi u jindika wkoll l-vetturi pparkjati. Jghid li t-triq hija *two way*. Ikkonferma li l-hsarat kollha li kellu fil-vettura kienu rizultat tal-incident. In kontr'ezami jghid li qatt ma kien habat qabel b'din il-vettura u waqt l-incident kien wahdu.

**Dr. Edmond Zammit Laferla** xehed nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru 2004 u stqarr illi huwa jahdem mas-socjeta attrici fil-kwalita tieghu bhala Legal Affairs Executive u kkonferma li l-vettura ta Victor Magri bin-numru ta' registrazzjoni KAV 803 kienet koperta bi polza ta' sigurta *comprehensive* mas-socjeta attrici. Ikkonferma li l-attur kien hallas l-*excess* ta' LM25 waqt li s-socjeta attrici halset skond il-polza ghad-danni kollha li ssubixxa l-attur fil-vettura tieghu. Huwa pprezenta permezz ta' nota prospett tad-danni immarkat bhala Dok. AZL 1 sa AZL 8. Dawn id-dokumenti jinkludu ricevuti, *subrogation forms*, *survey reports* u dak kollu li

ghandu x'jaqsam mal-hlasijiet li huma effettwaw, inkluz l-*excess* ta' hamsa u ghoxrin lira maltin (LM25). Ikkonferma li l-ammont tad-danni huwa LM1,856.85. Ikkonkluda x-xhieda tieghu billi kkonferma li l-attur kien jibbenifika minn riduzzjoni fil-polza ta' hamsin fil-mija (50%) minhabba n-'No Claim Bonus'. Dan ifisser li almenu fl-ahhar tlett snin ta' qabel l-incident in kwistjoni, huwa ma kien ghamel l-ebda *claim*.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ta' l-attur pprezentata fl-atti nhar il-hamsa (5) ta' Novembru 2004 li biha rriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' LM1856.85.

**PS 318 Francis Rogers** xehed nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar 2005 u qal li huwa kien l-ufficcjal li investiga l-kollizjoni u esebixxa l-okkorenza redatta mieghu li giet mmarkata bhala Dok. FR 1 flimkien ma l-i*sketch* li giet mmarkata bhala Dok. FR 2. Huwa kkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu w ikkonferma li dak li kiteb fir-rapport, huwa dak li qalulu s-sewwieqa ftit wara l-incident. Ikkonferma wkoll li l-attur Victor Magri huwa mejjet. In kontr'ezami jghid li ma rrizultalux li kien hemm xi *brake marks* mill-vettura misjuqa minn Victor Magri. Spjega li t-triq li fiha saret il-kollizjoni tifforma 'T Junction' mat-triq laterali li jisimha Triq Andara, is-Siggiewi. Qal li kif jidher minn ezami ta' l-i*sketch* fil-karreggjata tat-triq fejn grat l-kollizzjoni, hemm linja kontinwa bajda li taqsam iz-zewg kareggjati. Qal li l-vetturi hemm indikati bhala dawk li kienu pparkeggjati, rahom b'ghajnejh. Mistoqsi jekk fejn kienu pparkjati, kienx hemm indikat xi *parking base*, ix-xhud stqarr li jiftakarx, ghalkemm ma jeskludix li setgha kien hemm. Qal li l-habta saret fi Triq l-Andara u hija Triq Mikiel Azzopardi li hija t-triq principali. Il-vettura KAL 893 kienet gejja mit-triq fuq in-naha tax-xellug, gejja mnn Hal Qormi, fis-sens li s-sewwieq dar fuq ix-xellug tieghu.

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici pprezentat fl-atti nhar id-disgha (9) ta' Mejju 2005 li permezz tieghu talab li ssir il-legitimazzjoni ta' l-atti peress illi l-attur Victor Magri kien miet fit-tlieta (3) ta' Dicembru 2004.

Rat id-digriet taghha fejn il-Qorti ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-eredi.

Rat in-nota ta' Josephine Magri et tal-erbatax (14) ta' Gunju 2005 li permezz taghha hija accettat l-bandu sabiex tirrapprezenta lil-mejjet Victor Magri.

**Omar Mifsud** xehed nhar it-tlieta (3) ta' Novembru 2005 u dan fil-kapacita tieghu ta' *surveyor* inkarigat mis-socjeta attrici. Huwa kkonferma li kien ghamel *survey* li gie esebit u mmarkat bhala Dok. EZL 02 li jinsab fl-atti a fol. 19 sa 22 tal-process. Huwa kkonferma li l-istima totali kienet ta' LM1422.50 ghalkemm din kienet stima approssimattiva, ghaliex spjega li una volta jsiru r-reparazzjonijiet, jista jinqala' l-bzonn ta' *parts* ohrajn kif effettivament irrizulta li sar minn ezami tas-*survey* tieghu tal-atti meta kien kkonferma li kellhom jizdiedu l-*fog lights* u xi oggetti ohra hemm indikati.

Nhar id-dsatax (19) t'April 2006 xehed il-konvenut **Jonathan Borg** fejn spjega kif dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura mudell Fiat 125 ta' kulur blu ghaddej minn triq principali tas-Siggiewi, u cioe Triq Mikiel Azzopardi u ried idur fuq ix-xellug tieghu sabiex jidhol fi Triq l-Andara. Ikkonferma li qabel ma gie biex idur fuq ix-xellug tieghu huwa naqqas il-velocita u xeghel l-*indicator* u meta ra li seta' jdur, dar fuq ix-xellug tieghu dahal fit-triq u appena dar, tfaccat il-vettura tal-attur gejja mid-direzzjoni opposta w nduna minufih li kien ser ikun hemm impatt. Huwa ghalhekk waqaf, izda l-vettura l-ohra tal-attur baqghet diehla go fih. Huwa nduna bid-*driver* l-iehor meta kien distanti xi karozza 'l boghod, izda nduna li ma

kienx ser jieqaf fil-hin. Qal li l-hsara fuq il-karozza tieghu kienet fuq quddiem aktar lejn ix-xellug, imbaghad jghid li kienet ristretta fuq in-naha tax-xufier fuq in-naha tal-lemin. Jghid li mill-konfigurazzjoni ta' kif spiccaw il-karozzi, kif murija fl-i*sketch*, huwa jaqbel, pero jahseb li kienu aktar vicin fejn Triq l-Andara tizbokka fi Triq Mikiel Azzopardi. Jelabora u jghid li anke fejn hemm indikat il-kuntatt ta' bejn il-vetturi jghid li ma kienx fin-nofs, izda kien aktar imxaqleb lejn il-lemin. Ikkonferma li huwa kellu hsara kemm fil-*mudguard* kif ukoll fl-*indicator* u kienet hsara hafifa. Huwa esebixxa sett ritratti li gew imarkati bhala Dok. JB 1 sa JB 7 li juru l-konfigurazzjoni tat-toroq b'ritratti mehuda miz-zewg direzzjonijiet.

In kontr'ezami, mistoqsi jekk kellux xi vetturi quddiemu li ghamlu l-istess manuvra bhalu l-konvenut, jghid li ma kienx hemm. Ikkonferma dak li kien qal lill-ufficjal tal-pulizija u cioe li dar u sab il-vettura l-ohra ma wiccu. Qal li kien qal ukoll lill-ufficjal tal-pulizija li kien waqaf qabel il-habta. Jghid li ma jahsibx li kien lemah is-sewwieq l-iehor ezattament qabel ma dar il-kantuniera, peress illi l-kantuniera hija ftit *blind corner*, kif ukoll ghaliex kien hemm karozza pparkjata fuq ix-xellug tieghu li kienet qed tostakolalu l-vizzjoni tieghu. Ikkonferma li fuq in-naha l-ohra tas-sewwieq l-iehor, kien hemm van pparkjat. Jghid li biz-zewg vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq ma jahsibx li huwa u s-sewwieq l-iehor setghu jghaddu fl-istess hin u kien ghalhekk habtu, izda imbaghad fl-istess nifs jghid li ghalhekk kien waqaf. Huwa cahad li l-vettura tieghu kellha l-hsarat kif murija fir-rapport tal-pulizija.
Rat il-verbal taghha tal-ħmistax (15) ta' Gunju 2006 fejn innominat lil Perit Tekniku Joseph Zammit u dan bi ftehim mal-kontendenti.

Illi nhar is-sbatax (17) t'April 2007 xehed il-**Perit Tekniku Joseph Zammit** u pprezenta ir-relazzjoni tieghu wara li halef il-kontenut taghha. Din ir-

relazzjoni giet immarkata bhala Dok. JZ. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li t-tiswijiet li effettivament jinhtiegu li jsiru kienu dawk kif gew indikati fis-*survey* esebit fl-atti a fol 19 u 20 tal-process. Jghid li l-ispiza ghal tali xoghol hija dik ta' LM1,080.97 maqsuma in kwantu ghal LM632.50 bhala *labour cost* u LM448.47 bhala *spare part cost*. Dawn il-konteggi pero jeskludu l-kont tas-*survey* fl-ammont ta' LM11.50, il-kont tat-*towing* fl-ammont ta' LM34.50, l-ammont relativ ghall-*loss of use* mhux valutati ghajr fis-*survey* fl-ammont ta' LM57.50 u l-excess fl-ammont ta' LM25 skond ix-xhieda u xi kontijiet ohra li jsita jkun hemm.

Illi l-avukat tal-attur xtaq jeskuti lil perit wipprezenta lista ta' domandi bil-miktub.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 2008 il-Perit Tekniku pprezenta rapport addizzjonali li gie mmarkat bhala Dok. JZ 1 li jinkludi r-risposti tal-Perit ghad-domandi li sarulu 'n eskussjoni.

Illi nhar it-tlieta (3) ta' Dicembru 2008 l-attur ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Il-Qorti rat wkoll n-nota tal-konvenut Jonathan Borg ppresentata fir-Registru ta' din l-Qorti nhar d-dsatax (19) ta' Jannar 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut kienet fis-sens li l-attur kellu jipprova li Victor Magri kien sid il-vettura KAV 803 involuta f'dan l-incident. Dwar dan il-Qorti tirrileva li Dr. Edmond Zammit Laferla xehed u spjega li effettivament Victor Magri kellu polza ta' sigurta *comprehensive* mas-socjeta attrici u li l-istess Victor Magri kien hallas l-*excess* taghha. Konsegwentement huwa l-istess Victor Magri li ghandu dritt li jigi kkumpensat ghad-danni li sofra bhala rizultat tal-kollizjoni, una volta jigi

ppruvat li ma kienx responsabbli ghal dan l-istess incident.  Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Dwar il-mertu l-konvenut qed ighid li ma kienx responsabbli ghall-incident de quo, u l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur.  Ghaldaqstant din il-Qorti ghandha l-obbligu li tinvestiga ulterjorment biex tara min effettivament huwa responsabbli.

Illi jirrizulta bhala fatt, li l-attur kien gej mid-direzzjoni ta' Triq L-Andara meta dar lejn ix-xellug tieghu u dahal fi Triq principali u cioe Triq Mikiel Azzopardi gewwa is-Siggiewi u saret il-kollizjoni mal-konvenut Jonathan Borg, li kien qed isuq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni KAP 803 fi Triq Mikiel Azzopardi, fuq il-karreggjata tieghu. Minn ezami tal-iskizz jirrizulta li l-partijiet kellhom vetturi ipparjkjati fuq ix-xellug taghhom u fil-fatt il-habta saret f'nofs ta' triq aktar lejn il-kareggjata minn fejn kien qed isuq l-konvenut.  Il-vettura ta' Jonathan Borg giet milquta fuq il-parti ta' quddiem, fuq in-naha tal-lemin u fuq il-vettura tal-attur, il-hsara kienet fuq quddiem, fin-nofs.  Illi bhala fatti dawn ma jidhrux li huma kontestati.

Illi huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino</u>"** deciza fil-hmistax (15) ta' Jannar, 1997 qalet illi:

*"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabblita' ghall-incident awtomobilistiku, l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li addebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv.  Huma dawn ir-*

*regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti."*

Illi jinghad ukoll li wiehed irid isib f'kull kaz il-kawza prossima tal-istess incident u f'dan il-kuntest japplika dak li inghad fil-kawza **"<u>Amadeo Mea vs Carmelo Vella</u>"** (A.C. 24 ta' Jannar 1966) li ghall-fini ta' allokament ta' responsabblita ghall-kollizzjoni, dak li legalment ghandu jigi rigwardat hu n-ness ta' kazwalita' prossima w effettiva tal-istess sinistru.

Illi bhala fatt jirrizulta li din kienet kollizzjoni bejn vettura li kienet hierga minn go *main road* u sejra gewwa *a side road* u vettura li ienet fi triqtha f'*side road*. Jirizulta minn dak li qal il-konvenut, li kien ser jidhol gewwa *side road,* li huwa ma rax l-attur qabel ma kien vicin hafna tieghu u ex admisses jghid "li ma jahsibx li kien lemah is-sewwieq l-iehor ezattament qabel ma dar il-kantuniera peress illi l-kantuniera hija ftit *blind corner*, kif ukoll ghaliex kien hemm karozza pparkjata fuq ix-xellug tieghu li kienet qed tostakolalu l-vizzjoni tieghu." Dan nonostante pero l-konvenut xorta ha l-pass li jitlaq minn kareggjata ta' *main road* u jidhol f'*side road* ghalkemm il-vizjoni tieghu ma kienitx wahda cara. Il-provi kollha juru indiskutibbilment, illi din il-manuvra inkonsulta tal-konvenut, issorprendiet lill-attur Victor Magri li kien ghaddej ghall-affari tieghu fuq in-naha tajba tat-triq, javvicina *stop sign* qabel ma johroġ fuq *main road*. Il-vettura tal-konvenut issorprendiet lill attur tant li ma kellux zmien materjali biex jirreagixxi u jiehu azzjoni evasiva, tant li fil-fatt lanqas *brake marks* ma kien hemm fuq il-post.

Hu ovvju li kien il-konvenut, li kellu l-obbligu li mhux biss izomm *a proper look out* peress li kien ser jidhol go triq sekondarja, imma kellu wkoll l-obbligu li jaccerta ruhu li bl-ebda mod ifixkel is-sewqan tal-utenti fuq triqtu, kellu d-dover li ma

jazzardax jirfes fuq dik il-karreggjata qabel ikun cert li jista jghamel dan bla ma jkun ta' perikolu ghal dak it-traffiku. Ma jirrizultax ghal Qorti li l-attur kien qed isuq b'xi mod irresponsabbli u non kuranti tat-traffiku l-iehor fit-triq w ghalhekk m'ghandux ikun hemm xi kontributorjeta minn naha tieghu.

Illi tema legali jigi osservat li, rigwardanti l-mod ta' sewqan meta sewwieq ikun qed jiffaccja liwja fit-triq, gew enuncjati fil-gurisprudenza s-segwenti principji. F'dawn ic-cirkostanzi, is-sewweiq ghandu l-obbligu li jzomm sewwa fuq in-naha tieghu tat-triq u jekk hemm bzonn, isuq fuq *gear* baxx, u anke jdoqq il-*horn* skond il-htiega.

Inoltre, fis-sentenza kif gie rappurtat fil-volum **Vol.XXX.573; 647:-**

*"In taking a bend, a driver must, besides slackening his speed, drive in such a manner as to have the car under control and thus be able to avoid the dangers which one may encounter when taking a corner."*

Aktar ma tkun kbira l-kisra u aktar ma tkun ristretta l-vizwali tas-sewwieq, akbar ikun l-obbligu tieghu li jassigura li jista' jsuq minghajr perikolu ghat-traffiku li jkun gej mill-faccata.

Illi fil-kaz in disamina, ghalkemm ma jirrizultax li l-lilwa kienet *sharp* minn naha l-ohra rrizulta skond ix-xhieda tal-konvenut, li huwa nduna bl-attur meta kien vicin tieghu u cioe xi distanza ta' vettura w nduna li l-attur kien ser jibqa diehel fih. Fl-ebda hin ma jghid li ittanta jiehu xi *evasive action*.

Ghalhekk, in konkluzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li meta l-konvenut jghid li ma rax lill-attur ghaliex ma kellux vizjoni tajba, dan ghandu logikament ifisser li jew ma harisx jew ma harisx sew. Dan qed jinghad billi, jekk kif konfessat, il-konvenut ma rax

lill-attur, din hi ammissjoni cara li hu ma hax il-prekawzjonijiet necessarji u ma zammx *a proper look out*. Tant dan hu hekk, li kif jirrizulta l-manuvra tieghu, ssorprendiet lill-attur li kien gej fi triqtu.

Illi ghalhekk dwar ir-responsabilita tal-incident il-Qorti tiddecidi li l-incident sehh tort uniku tal-konvenut minhabba l-imperizja tieghu, w ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tigi midchuda.

Dwar it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioe li l-ammont mitlub huwa kontestat u fi kwalunkwe kaz esagerat, il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontesta l-provi mressqa mill-attur f'dan ir-rigward jew sabiex jikkontradici dak li qal l-espert tekniku fir-rapport tieghu.

Ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tirrispingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qieghda tilqa t-talba attrici u wara li tiddikjara li l-incident li sehh fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2002 gewwa Triq l-Andara, Siggiewi sehh tort uniku tal-konvenut minhabba trakuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, tiddikjara li qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija fl-avviz ta' elf tmien mija u sitta u hamsin lira Maltija u hamsa u tmenin centesmu (LM1,856.85) ekwivalenti ghal erbat elef tlett mija tnejn w ghoxrin euro u sebgha euro centezmi (€4322.07).

L-ispejjes ta' din il-kawza u l-imghaxx skond l-ligi, jithallsu mill-konvenut skond l-ligi."

Huma tlieta l-aggravji li l-konvenut igib 'il quddiem b'kontestazzjoni tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u cjoe:-

(1) Ma tressqetx l-ahjar prova illi l-assigurat Victor Magri kien is-sid ta' vettura numru ta' registrazzjoni KAP 803;

(2) Huwa ma kienx fi htija ghall-kollizjoni u, anzi, ir-responsabilita` kellha tigi addossata fuq l-assigurat Victor Magri. F'kull kaz, u fl-aghar ipotesi, l-istess assigurat kellu jitqies responsabbli li kkontribwixxa ghall-incident a norma ta' l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili;

(3) L-espert tekniku stabilixxa illi certi rjus tad-danni ma kienux f'rapport ma' l-incident, izda l-ewwel Qorti mkien ma pprovdiet raguni fejn ma qabletx ma' l-espert taghha in tema ta' dawn id-danni kif likwidati;

Huwa pacifiku illi meta kumpanija ta' assigurazzjoni thallas lis-sid ta' karozza d-danni li din tkun issubiet f'kollizjoni, hija tigi surrogata fid-drittijiet ta' dak is-sid li l-vettura tieghu tkun assigurata maghha. Fil-kaz in ezami s-surroga relattiva hi skond id-dokument esebit a fol. 40. Issa, strettament, l-appellanti ma jikkwerelax ir-rapport li johrog mis-surroga izda jippretendi li l-atturi ma ressqux prova, u l-ahjar prova, illi turi li Victor Magri kien sid il-vettura involuta fil-kollizjoni mieghu, u la dan huwa hekk, isegwi illi l-atturi ma kellhom ebda interess guridiku biex jippromwovu l-azzjoni kontra tieghu;

Minn ezami ta' l-atti processwali dan l-aggravju hu wiehed ghal kollox insostenibbli, u anzi, l-atturi kellhom dak l-interess attwali u konkret biex jikkonsegwixxu d-dritt ghar-rizarciment tad-danni minnhom vantat. Jirrizulta infatti mill-provi illi, bil-kontra ta' dak dedott mill-appellanti, l-atturi ghamlu l-prova illi t-titolari tal-licenzja tal-vettura KAP 803, fiz-zmien ta' l-incident ma kienx ghajr l-attur Victor Magri, sid l-istess vettura. Ara deposizzjoni ta' Christopher Darmanin, rapprezentant ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, a fol. 143 tal-process;

Premess dan, fir-rigward tar-responsabilita` li l-ewwel Qorti attribwiet esklussivament fuq l-appellanti, dik il-Qorti, wara li ezaminat l-atti u l-provi attendibbli, u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha li setghu taw lok ghall-incident – b'mod partikulari, l-i*sketch*, id-dikjarazzjonijiet taz-zewg sewwieqa immedjatament *ex-post* l-incident, il-punt tat-triq fejn sehh l-incident, u l-posizzjoni taz-zewg vetturi wara l-habta – thoss li ma ssib ebda raguni konvincenti biex tiddissenti mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti in kap ghall-kwestjoni ta' l-istess responsabilita`;

B'zieda mal-motivazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, il-Qorti thoss li ghandha tirrileva dawn ic-cirkustanzi:-

(1) Mill-inferenza li jinzel mill-iskizz (fol. 54) jirrizulta palesament illi immedjatament kif l-appellanti dar il-liwja, li mit-triq principali taghti ghat-triq transitata mill-assigurat Magri, sehhet il-habta. Fuq dan l-iskizz ma tqajmu ebda kontestazzjonijiet u, allura, "dan l-iskizz ghandu jittiehed li jaghmel prova ta' dak li juri" ("**Carmel Camilleri -vs- Leone Pillow**", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997);

(2) Rilevanti ukoll id-dikjarazzjonijiet *a tempo vergine* taz-zewg sewwieqa registrati mis-Surgent Francis Rogers fir-Road Accident Report. Hekk mentri Victor Magri jghid li hu kien gej fi triqtu meta l-vettura l-ohra daret mill-ewwel u baqghet gejja fuqu, l-appellanti jiddikjara illi kif dar il-kantuniera sab lill-iehor ma' wiccu u sehhet il-habta. Ghall-Qorti dawn id-dikjarazzjonijiet ikomplu jikkorroboraw u jaghtu fidi lill-iskizz ta' l-okkorrenza. Anzi minnhom jemergi b'mod car illi l-istqarrija ta' l-appellanti quddiem l-ewwel Qorti illi hu kien wieqaf qabel il-habta ma ghandhiex mis-sewwa ghaliex kieku dan id-dettal importanti kien certament jiddikjarah lis-Surgent *a tempo debito* nonostante l-iskuzanti li dak il-hin kien "xi ftit ixxokkjat ukoll". Ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 71;

(3) Jibqa' l-fatt illi kif ukoll ammess mill-appellanti fl-istess kontro-ezami, huwa ma lemahx lis-sewwieq l-iehor ezattament kif dar il-kantuniera peress illi, fi kliemu

stess, hija "*blind corner*", u ghaliex ukoll kien hemm vettura parkeggjata fuq ix-xellug tat-triq li ostakolatlu l-vizwali. F'qaghda bhal din, kif rakkontata mill-istess appellanti, ma jistax jonqos li tigi ripetuta l-osservazzjoni illi min isuq, "ghandu pero` ikun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku distanzi u kollizjonijiet huma kwistjoni ta' '*a split second*' u ghandu jirregola s-sewqan tieghu konformement. Jekk ma jaghmelx hekk, huwa jirrendi ruhu hati ta' traskuragni, imputabbli anke kriminalment." Ara "**Il-Pulizija -vs- Joseph Muscat**", Appell Kriminali, 7 ta' Gunju, 1952;

(4) Ikollu jinghad imbaghad illi, fir-riflessjoni ta' dak mistqarr minnu, din il-Qorti ma hi xejn sodisfatta mis-sottomissjoni ta' l-appellanti illi s-sewwieq l-iehor kien ghaddej bi *speed* u li, allura, il-htija kellha, ghal dik ir-raguni, tigi akkollata lil Victor Magri. Il-kondizzjoni tal-vizwalita skarsa ghal fatt tal-*blind corner* u tal-karozza pparkajata ma tistax tigi newtralizzata mis-sewqan ta' Magri, anke kieku stess, *gratia argomenti*, dan kien isuq b'velocita`. Dan ghaliex f'kaz bhal dan ir-rapport ta' kawzalita` ma jinsabx fis-sewqan ta' Magri izda fil-kondotta imprudenti anterjuri ta' l-appellanti nnifsu li kkrejat emergenza imprevvista lid-*driver* l-iehor;

(5) Mhux il-kaz lanqas li tigi applikata xi htija kontributorja fis-sewwieq Magri ghaliex ebda infrazzjoni tal-Kodici stradali ma twettqet minn dan li b'xi mod tista tirritjenih responsabbli. Kif deciz mill-Qorti ta' l-Appell in re: "**Schembri -vs- Zammit**", Appell Civili, 15 ta' Marzu, 1963, "ma jistax ikun hemm negligenza lanqas kontributorja jekk ma jkunx hemm 'kolpa' fis-sens ta' imprudenza jew negligenza materjali u kawzativa fis-sens tal-ligi". Negligenza din, li fil-kaz prezenti, minhabba r-raguni predetta ta' l-emergenza subitaneja mahluqa mill-appellanti, din il-Qorti ma tirravvisax fl-imgieba tas-sewqan ta' Victor Magri;

(6) In raguni ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, kombinati ma' dawk ta' l-ewwel Qorti, it-tieni aggravju qieghed ukoll jitqes insostenibbli;

Kif maghruf, “f’kawza ta’ danni hemm zewg stadji – *an et quantum*; cjoe id-dikjarazzjoni tar-responsabilita, u, f’kaz ta’ affermazzjoni ta’ dik ir-responsabilita`, l-accertament ta’ l-ezistenza u tal-mizura tad-danni”. Ara “**Antonio Borg *nomine* -vs- Guido Abela *et***”, Appell Kummercjali, 14 ta’ Mejju, 1954. Fil-kaz prezenti fuq l-entita` tad-danni l-ewwel Qorti ddeterminat illi dawn ghandhom ikunu f’korrispondenza ma’ dak reklamat mill-atturi appellati. L-appellanti jikkontesta dan u permezz tat-tielet aggravju jiccensura lil-ewwel Qorti illi din ma affrontatx din il-kwestjoni mill-perspettiva ta’ dak iddeterminat mill-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu principali a fol. 91 u dik l-ohra addizzjonali a fol. 177 sottomessa bi twegiba ghad-domandi posti lill-istess espert in eskussjoni. Fuq dan il-punt il-Qorti hi tal-fehma li l-appellanti ghandu ragun. Jekk xejn, ghaliex ma ssibx li hu gust u sewwa li l-appellanti danneggjant jitghabba b’pizijiet zejda fejn id-danni reklamati ma jkunux il-probabbli konsegwenza diretta u normali tal-fatt li minnu jitnisslu dawk id-danni;

Issa miz-zewg relazzjonijiet ta’ l-espert jemergu dawn iz-zewg affermazzjonijiet. Fl-ewwel lok, illi fuq il-fehma tieghu ma kienx jirrizulta li l-hsara kienet daqstant kbira li tinvolvi certi partijiet tal-vettura ta’ l-assigurat tas-socjeta` attrici. Fit-tieni lok, illi kienu jezistu indikaturi illi certi *parts* ma kellhomx ghalfejn jigu sostitwiti. Ad ezempju, l-i*steering rack*, l-*gear box oil*, il-*left fog lamp* u l-*left indicator* u s-*subframe*. Dan kollu jidher li gie injorat mill-ewwel Qorti ghaliex dwaru s-sentenza appellata ma taghmel lanqas minimu accenn fil-parti razzjonali taghha. Mhux pero` ghal din il-Qorti li tiskarta l-verifiki u l-konsiderazzjonijiet teknici ta’ l-espert kwalifikat ghax, apparti li l-Qorti ma ghandhiex il-konoxxenza teknika biex hekk taghmel, lanqas ma ghandha xi opinjoni teknika kuntrarja li tqieghed fid-dubju l-accertamenti u r-ragonament ta’ l-istess espert. Effettivament, l-atturi rtiraw it-talba taghhom ghan-nomina ta’ periti addizzjonali (ara verbal a fol. 161). Il-Qorti sejra ghaldaqstant tadotta l-perizja u linejarment ma’ dak dedott fiha tikkwantifika l-ammont tad-danni fis-somma komplessiva ta’ elf mitejn u

disa’ liri, sebgha u erbghin centezmu (Lm1209.47). Din is-somma tikkomprendi l-*labour cost* (Lm632.50), *spare parts* (Lm448.47), *survey report* (Lm11.50), *towing* (Lm34.50), *loss of use* kif kalkolat fis-*survey report* (Lm57.50) u l-*excess* (Lm25).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel zewg aggravji ta’ l-appellanti, tilqa’ t-tielet aggravju u f’dan is-sens tvarja s-sentenza appellanti billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta’ danni ghall-incident *de quo* is-somma komplessiva ta’ elf mitejn u disa’ liri Maltin, sebgha u erbghin centezmu (Lm1209.47) ossija elfejn tmien mija u sbatax-il euro, wiehed u tletin centezmu (€2817.31). L-ispejjez ta’ dan l-appell jitbatew kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenut appellanti u kwart mill-atturi, b’dan li d-dritt tar-Registru jibqa’ interament a karigu ta’ l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------